MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 211/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited (C-597)**

**Vs**

**Helen Bray u Hilda Bray**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2006, fejn gie premess illi l-ammont mitlub ta' erba` mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm482.48) jirrapprezenta l-hlasijiet effettwati mis-socjeta` attrici ai termini ta' l-Att dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-riskji ta' terzi persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet Edgar Galea ghan-nom u in rapprezetanza tad-ditta Citadel Insurance pls kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Raymond Zarb ghan-nom ta' Euro Rentals Co.

Limited vs Hilda Bray (Avv. Nru. 1541/04/AJD – deciza 30 ta’ Gunju 2005), li kienu jirrigwardjaw l-incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta’ Awissu 2002, gewwa l-Mosta bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta Hilda Bray, bin-numru ta’ registrazzjoni HAJ 561, assikurata mill-konvenuta l-ohra Helen Bray mas-socjeta attrici, u l-vettura propjeta` ta` Raymond Zarb noe bin-numru ta’ registrazzjoni DBE 024, u dan wara illi l-konvenuti naqsu milli jinformaw lis-socjeta` attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kienu obbligati illi jaghmlu ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni relattiva, liema nuqqas awtomatikament jinvalida l-imsemmija polza, u jintitola lis-socjeta` attrici sabiex tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini ta’ l-istess. Bl-ispejjez inkluzi tal-Mandat ta’ qbid Nru 631/06JA u tal-Mandat ta’ sekwestru Nru 630/06 u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att tad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**risposta** tal-konvenuti tal-4 ta’ April 2006, fejn gie eccepit illi (1) t-talba attrici ghandha tigi michuda peress li hi infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza, (2) illi l-konvenuti kienu infurmaw lis-socjeta` attrici bl-incident billi marru personalment l-ufficju taghhom, (3) illi s-socjeta` attrici kienet wkoll infurmata tramite ittra ufficjali bil-proceduri gudizzarji, (4) salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra** :

Illi min Dok RF4 (fol 17) jirrizulta illi l-vettura HAJ – 561 assikurata mas-socjeta` attrici kienet involuta f’incident stradali fit-23 ta’ Awissu 2002 fil-Mosta, meta kienet koperta b’polza mahruga mill-Norwich Union (Dok FIAL 01) (fol 21).

Illi mill-istess Dok RF4 – sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-30 ta’ Gunju 2005 – jirrizulta illi l-proceduri mehuda kontra l-assikurata tas-socjeta` attrici nqatghu kontra taghha anke ghaliex ma rrisponditx ghall-istess kawza.

Illi s-socjeta` attrici tinsisti illi hija ma gietx mgharrfa b’dawn il-proceduri legali u giudizzjarji, kif del resto kien jispetta lill-konvenuta illi taghmel ai termini ta’ l-istess polza li kienet torbot lill-konvenuta (Dok XXI).

Minn naha taghhom, il-konvenuti jinsistu illi kienu gharrfu lill-assikurazzjoni taghhom bl-incident u bil-proceduri legali.

Hilda Borg (24.01.07) xehdet illi kienet irceviet ittra datata 25 ta’ Lulju 2003 u kienet haditha ghand s-socjeta` assikuratrici taghha.

Mark Alexander Baker (21.03.07) mbaghad jikkorobora dan u jghid illi jiftakar illi “kienet ikkonsenjat xi karti li kienet rceviet lill-insurance….”

It-Tribunal madankollu josserva illi fl-ewwel lok l-ittra tal-25 ta’ Lulju 2003 ma humiex proceduri giudizzjarji li wasslu ghas-sentenza esebita Dok RF4 u fit-tieni lok jiddubita hafna l-kredibilita` tal-versjoni tal-konvenuti meta jara illi l-ittra tal-25 ta’ Lulju 2003 giet esebita mill-konvenuta fl-original taghha (allura kif jista` jkun illi din giet ikkonsenjata lill-insurance!!) u meta josserva wkoll illi ma jafux l-konvenuti lil min kellmu, u fejn, f’liema ufficcju precizament marru.

It-Tribunal ihoss illi l-kovenuti ma` rnexxilhomx jippruvaw illi effettivament huma onoraw l-obbligu taghhom billi nfurmaw lill-assikurazzjoni taghhom bil-proceduri legali u guidizzjarji mehuda kontra taghhom – u jirrizulta aktar minn hekk wkoll illi ma hadux hsieb illi jikkontestaw l-kawza illi saret kontra taghhom.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta` attrici kienet tenuta obbligata thallas lil Citadel Insurance p.l.c. kif surrogatat fid-drittijiet ta’ Raymond Zarb ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Huwa in vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha illi it-Tribunal ihoss illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm482.48), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------